**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**Alfred Buttigieg ta' 47 sena iben il-mejjet Joseph u l-mejta Maria nee Abela imwieled Nadur, Ghawdex fit-23 t' April 1952 li joqghod 'Dura', Triq Filfla, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**(I.D. No. 31752G)**

Illum 7 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli matul il-lejl ta' bejn it-2 u t-23 ta' Marzu 2000, ghamel uzu mhux sew minn apparat ta' telekomunikazzjoni provdut lilu mill-Maltacom u cioe` ghamel diversi telefonati anonimi lil certa Maria Buttigieg fuq in-numru tat-telefon tar-residenza taghha (553023), ai termini ta' l-Artikolu 34 (d) ta' l-Att ta' 1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, Kap 399, tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwerelanta irceviet telefonati, skond hi, anonimi.

L-apparat tal-Korporazzjoni biex jintracca tali telefonati kien stallat fit-23 ta' Marzu. Il-kwerelanta izda anticipat dan kollu biex xtrat u stallat Caller I.D. fejn irrizulta n-numru tat-telefon ta' l-imputat. Hi sejhet lil PC 510 biex ikun xhud ta' dak in-numru peress illi l-apparat taghha huwa tali li jirregistra biss l-ahhar telefonata u jhassar ta' qabilha. Il-kunsens tar-Regolatur huwa in regola peress illi jinkorpora l-granet ta' qabel id-data tat-28 ta' Marzu 2000. L-imputat spjega li dawn it-telefonati saru bi zball mit-tifel tieghu u dan f'ittra li baghat lis-Surgent 1346.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-kaz kontra l-imputat huwa sufficjentement pruvat.

Ghal dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-artikolu 34 (d) tal-Kap 399;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sittin lira Maltin (Lm60).

(ft) Giovanni Grixti

Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur